MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2008

Citazzjoni Numru. 1777/2001/1

**Alfred Vella.**

**-vs-**

**Carmelo Pace.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentata fid-9 ta' Novembru, 2001 li permezz tiegħu l-attur ippremetta:

Illi l-konvenut odjern kien intavola kawża quddiem din l-Onorabbli fl-ismijiet "Carmelo Pace vs Alfred Vella" (Ċitaz. Nru. 1551/93NA) liema kawża ġiet deċiża b'sentenza mogħtija fl-1 ta' Frar, 2001 kif jirriżulta mill-unit Dok. A.

Illi fil-premessi taċ-ċitazzjoni ingħad li ġej:-

“Illi l-attur fuq inkarigu u fuq ordni tal-konvenut esegwixxa għall-istess konvenut xogħol ta’ lavur fil-ġebel b’materjal ta’ l-istess konvenut u dana għall-prezz komplessiv ta’ elf, erba’ mija u ħamsa u għoxrin Lira Maltin (Lm1,425) kif jidher aktar dettaljat fid-dokument hawn anness u mmarkat Dokument “A”.

U illi l-istess ordni ġiet debitament konsenjata lill-konvenut f’okkażjonijiet diversi bl-aħħar parti ta’ l-ordni konsenjata fil-15 ta’ Jannar, 1993;

U illi nonostante diversi talbiet biex iħallas dana l-ammont anke permezz ta’ ittra reġistrata, il-konvenut baqa’ inadempjenti.

Illi t-talbiet tal-konvenut f’dik il-kawża kienu biex l-attur odjern jiġi kkundannat biex iħallas lill-konvenut odjern is-somma ta’ elf, erba’ mija u ħamsa u għoxrin Lira Maltin (Lm1,425) import ta’ prezz ta’ ġebel lavurat konsenjat mill-attur lill-konvenut u liema xogħol ġie esegwit mill-attur fuq inkarigu u ordni ta’ l-istess konvenut u dana flimkien ma’ l-imgħaxijiet legali mill-15 ta’ Jannar, 1993, data ta’ l-aħħar konsenja sad-data ta’ l-effettiv pagament.

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta’ l-ittra interpellatorja reġistrata tas-26 ta’ Mejju, 1993 u ta’ l-ittra uffiċjali tad-9 ta’ Ġuju, 1993 kontra l-konvenut inġunt għas-subizzjoni. U dan kollu kif jirriżulta mill-unit Dok. B.

Illi fid-dikjarazzjoni ġuramentata tal-konvenut odjern ġie ripetut dak li ntqal fiċ-ċitazzjoni riprodotta supra. (Dok. B).

Illi l-attur odjern qed jistitwixxi din il-proċedura ta’ ri-trattazzjoni tal-kawża fuq riferita preferibbilment għas-sentenza aktar ‘l fuq ċitata ta’ l-1 ta’ Frar, 2001 u dan għar-raġunijiet kontemplati fl-Artikolu 811 tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u tal-Proċedura Ċivili in vista tal-konsiderazzjonijiet infraskritti;

Illi l-attur odjern qed jippromwovi din il-proċedura ai termini ta’ l-Artikolu 812 tal-Kodiċi ta’ Proċedura Ċivili billi

jikkonkorru ċ-ċirkostanzi previsti f'dik id-disposizzjoni tal-Liġi.

Illi l-Artiklu 811(a) jipproġetta r-ritrattazzjoni fil-kontinġenza li s-sentenza impunjata tkun inkisbet b'qerq da parti ta' wieħed mill-kontendenti bi preġudizzju tal-parti l-oħra u billi jikkonkorru ċ-ċirkostanzi neċessarji għar-ritrattazzjoni taħt dan il-kap kif hawn taħt spjegat b'mod konċiż:-

Illi fil-mori ta' din il-kawża ġie nominat perit tekniku u cioe' l-Perit David Pace biex jiġbor il-provi kollha meħtieġa u biex eventwalment jestendi rapport peritali. (Dok. C).

Kienu nżammu diversi seduti quddiem il-Perit Tekniku li matulhom tressqu l-provi tal-konvenut odjern u eventwalment huwa għalaq il-provi tiegħu waqt is-seduta ta' l-10 ta' Settembru, 1996. Jirriżulta mill-verbali relattivi li l-attur odjern naqas li jressaq il-provi tiegħu waqt is-seduti miżmuma fil-5 ta' Diċembru u fit-12 ta' Diċembru, 1996. In segwitu, il-konvenut odjern ippreżenta rikors fejn talab li tiġi ordnata ż-żamma ta' seduta fis-7 ta' Frar, 1997 għalkemm il-konvenut odjern kien tenut li jinnotifika lill-attur bir-rikors u bid-digriet in kwistjoni iżda dan baqa' ma sarx billi l-konvenut odjern ġie a konoxxenza tad-digriet riferit jumejn qabel iż-żamma ta' din is-seduta u għalhekk l-attur odjern ma kienx jaf li kellha tinżamm din is-seduta. Waqt din is-seduta l-Perit Tekniku ppropona l-25 ta' April, 1997 fl-10.30 a.m., bħala data għaż-żamma ta' seduta oħra b'dan li l-konvenut odjern intrabat li jippreżenta rikors ieħor biex din is-seduta tkun tista' tinżamm b'ordni tal-Qorti stess u dan biex l-attur odjern ikun f'qagħda li jressaq il-provi tiegħu, liema rikors ġie ppreżentat u dekretat favorevolment fil-11 ta' Marzu, 1997 b'dan li l-konvenut odjern ġie ordnat li jinnotifika lill-attur odjern bid-digriet u bir-rikors relattivi (Dok. D). Għalkemm in-notifika ġiet imħallsa l-attur odjern baqa' ma ġiex notifikat u konsegwentement ma kienx jaf li kellha tinżamm is-seduta tal-25 ta' April, 1997. Issa wara l-għoti tad-digriet tal-11 ta' Marzu, 1997 waqt seduta miżmuma quddiem din l-Onorabbli Qorti fit-8 ta' April, 1997 meta l-kawża kienet differita għar-rapport u qabel iż-żamma tas-seduta ordnata mill-Qorti permezz tad-digriet riferit tal-11 ta'

Marzu, 1997, evidentement fuq talba tal-konvenut odjern ġiet ordnata ż-żamma ta' seduta oħra fis-6 ta' Ġunju, 1997 f'nofsinhar għalkemm minn imkien ma jirriżulta mill-verbal relattiv li l-Qorti ġiet informata u cioe' imfakkra li kellha ssir seduta quddiem il-perit tekniku fil-25 ta' April, 1997 ordnata minnha stess bid-digriet riferit tal-11 ta' Marzu, 1997 (Dok. D). Meta nżammet is-seduta quddiem il-perit tekniku fil-25 ta' April, 1997, l-attur odjern ma setax iressaq il-provi tiegħu billi ma kienx notifikat bir-rikors u bid-digriet relattiv li permezz tiegħu kienet ġiet iffissata s-seduta tal-25 ta' April, 2001 li kellha tinżamm quddiem il-perit tekniku. Jirriżulta li l-perit tekniku ġie informat li l-Qorti kienet ordnat iż-żamma ta' seduta oħra b'digriet separat liema seduta kellha tinżamm fis-6 ta' Ġunju, 1997 f'nofs in-nhar (Dok. E). Evidentement il-perit tekniku kien indott b'dina l-informazzjoni li jaħseb li l-attur odjern kien ser jiġi notifikat b'dan id-digriet bħalma kien sar attentat biex jiġi notifikat bid-digriet li permezz tiegħu l-Qorti kienet ordnata iż-żamma tas-seduta tal-25 ta' April, 1997 (u del resto, anke tas-seduta tas-7 ta' Frar, 1997) - attentat li l-perit tekniku kien ġie informat dwaru proprju waqt is-seduta tal-25 ta' April, 1997. Konsegwentement l-attur odjern ma rċieva ebda avviż mingħand il-perit tekniku fis-sens li kienet ser tinżamm seduta oħra fis-6 ta' Ġunju, 1997 għaliex il-perit tekniku, evidentement ma kienx ħass il-ħtieġa li javża lill-attur odjern biha una volta li l-perit tekniku kellu kull raġuni li jaħseb li l-attur kien ser jiġi notifikat bid-digriet li permezz tiegħu kienet ġiet iffissata seduta tas-6 ta' Ġunju, 1997. Fil-fatt waqt is-seduta tas-6 ta' Ġunju, 1997 la deher il-konvenut odjern u d-difensur tiegħu lanqas ma deher l-attur odjern u d-difensur tiegħu, li ma kinux jafu li dakinhar kellhom jitressqu l-provi ta' l-attur odjern (Dok. F). Il-konsegwenza ta' din is-sensiela ta' ċirkostanzi kien li l-attur ġie miċħud b'qerq da parti tal-konvenut, mid-dritt li jressaq il-provi tiegħu in vjolazzjoni tal-prinċipju ta' l-*audi alteram partem*.

Illi l-Artikolu 811(b) jipprospetta r-ritrattazzjoni fil-kontinġenza li ċ-ċitazzjoni ma tiġix notifikata lill-parti pendenti, kemm-il darba l-istess parti ma tkunx dehret u billi jikkonkorru ċ-ċirkostanzi neċessarji għar-ritrattazzjoni taħt dan il-kap kif hawn taħt spjegat b'mod konċiż –

Il-fatti speċi tal-każ odjern huwa per analoġija kopert minn din id-disposizzjoni. Għalkemm il-Leġislatur jirreferi għal "ċitazzjoni", dan it-terminu m'għandux jiġi interpretat li jeskludi "atti ġudizzjarji oħra" li jagħtu lok għal sitwazzjoni simili bħal każ odjern. F'dan il-każ l-attur odjern ma ġiex infurmat mill-perit tekniku li kienet ser tinżamm seduta fis-6 ta' Ġunju, 1997, liema seduta kienet ġiet ordnata mill-Qorti u għalhekk l-attur ma deherx għal din is-seduta u in segwitu l-perit tekniku estenda rapport, li fuqu straħet il-Qorti fis-sentenza tagħha, liema sentenza għaddiet in ġudikat.

Jgħid għalhekk l-istess konvenut għaliex m'għandhiex din il-Qorti:-

1. Tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-1 ta' Frar, 2001 fil-kawża fl-ismijiet "Carmelo Pace vs Alfred Vella" (Ċitaz. Nru. 1551/93NA).

2. Tordna s-smigħ mill-ġdid ta' din il-kawża fil-mertu.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut inġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ippreżentata fl-1 ta' April, 2002 li permezz tagħha l-konvenut Carmelo Pace eċċepixxa:

1. Preliminarjament illi t-talba għar-ritrattazzjoni ma tistax tinkludi talba għal revoka ta' sentenza u kwindi l-ewwel talba attriċi għandha tiġi respinta;

2. Illi fil-meritu l-eċċipjent ma kkommetta ebda qerq kif allegat mill-attur u għalhekk anke fuq hekk it-talba attriċi għandha tiġi respinta u mhux tort ta' l-eċċipjent jekk l-attur naqas li jsegwi l-andament tal-kawża li tagħha issa qed jitlob is-smigħ mill-ġdid;

3. Illi l-Artikolu 811 (b) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jikkontempla biss in-nuqqas ta' notifika taċ-ċitazzjoni u f'kawża bħal dik odjerna dan l-Artikolu għandu jiġi interpretat b'mod restrittiv anke billi d-diċitura tal-liġi hija ċara biżżejjed u ma tħallix lok għall-ebda interpretazzjoni oħra u allura anke a bażi ta' din il-kawżali t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda;

4. Illi inoltre l-perit tekniku dejjem informa lill-partijiet u d-difensuri bis-seduti u ġie awtorizzat b'digret tal-Qorti mogħti fit-8 ta' April, 1997 li jirrelata wara li jżomm is-seduta tas-6 ta' Ġunju, 1997. Il-partijiet kienu fl-obbligu li jsegwu l-andament tal-kawża inkluż id-digriet tal-Qorti;

5. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta Carmelo Pace maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat ukoll in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ulterjuri ppreżentata fis-16 ta' Lulju, 2007 li permezz tagħha l-konvenut Carmelo Pace eċċepixxa:

Illi stante li fis-seduta quddiem l-Assistent Ġudizzjarju tas-16 ta' Novembru, 2006, l-attur xehed in kontro-eżami li sar jaf "… bis-sentenza ta' l-1 ta' Frar, 2001, meta nqatgħet is-sentenza." u stante li l-kawża odjerna għar-ritrattazzjoni ġiet minnu ntavolata fid-9 ta' Novembru, 2001, cioe' ħafna aktar minn tliet xhur wara li l-attur kien jaf bis-sentenza, din il-kawża għar-rittrattazzjoni hija abbondantement perenta u l-proċeduri għandhom jieqfu:

- **a tenur ta' l-Artikoli 818:1(a) u 819 tal-Kap 12**, għar-rigward ta' l-ewwel kawżali ta' l-attur kif dedotta a bażi ta' l-Artikolu 811 (a) fejn qed jimputa qerq lill-konvenut odjern fit-tehid tas-sentenza, liema qerq qed jiddeduċih mill-fatt li l-attur odjern kellu jiġi notifikat b'seduta għas-smigħ tal-provi tiegħu, liema notifika jidher li qatt ma seħħet għad li ġiet imħallsa, filwaqt illi dwar l-istess verbali b'ordni għan-notifika l-attur ċertament

għandu jitqies li kien konxju jew li żgur kellu l-mezzi kollha li jkun konxju minnhom u b’hekk anke mill-qerq minnu allegat, fil-mument li ngħatat is-sentenza fl-1 ta’ Frar, 2001, biex b’hekk it-terminu ta’ tliet xhur “mill-ġurnata li fiha inkixef il-qerq” (allegat) cioe’ effettivament mill-jum tas-sentenza, skada sew qabel ma ġiet intavolata l-kawża odjerna u dana kollu tenut kont ukoll li huwa ma ġab assolutament ebda prova li sar jaf biss bin-nuqqas ta’ notifika cioe’ l-allegat qerq tliet xhur biss qabel intavola l-kawża;

- **a tenur ta’ l-Artikolu 818:1(b) u 819 tal-Kap 12**, kwantu għat-tieni kawżali ta’ l-attur li jsostni li n-nuqqas ‘per se’ ta’ notifika bis-seduta quddiem il-Perit Legali għas-smigħ tal-provi tiegħu huwa bi ksur ta’ l-Artikolu 811(b), filwaqt li huwa naqas li jitlob l-imsemmija rittrattazzjoni fit-terminu ta’ tliet xhur minn mindu sar jaf bis-sentenza cioe’ ‘ex admissis’ minn dakinhar li ngħatat.

Rat il-verbali tas-seduti li saru quddiem l-assistenti ġudizzjarji.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta’ Novembru, 2007 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jitlob li jsir is-smigħ mill-ġdid tal-kawża msemmija a bażi tas-subinċiżi (a) u (b) ta’ l-Artiklu 811 tal-Kapitlu 12. Dawn is-sub-inċiżi jagħtu dan id-dritt *jekk is-sentenza tkun ittieħdet b’qerq ta’ waħda mill-partijiet għad-dannu ta’ l-oħra* u *jekk iċ-ċitazzjoni ma tiġix notifikata lill-parti telliefa kemm-il darba l-istess parti ma tkunx dehret fis-smigħ tal-kawża .*

Il-fatti li taw lok għall-kawża huma ampjament spjegati fiċ-ċitazzjoni; in ri-assunt pero’ l-attur qed jilmenta mill-fatt li l-perit tekniku għadda għar-rapport wara rikors li sar mill-parti l-oħra u f’dak ir-rikors dan kien talab li l-konvenut (attur odjern) iressaq il-provi tiegħu f’żewġ seduti li ġew appositament iffissati u in mankanza ta’ dan l-istess perit kellu effettivament jgħaddi għar-rapport. L-attur odjern qed

isostni li huwa ma kienx jaf b'dan u allura qed jallega li jeżistu r-rekwisiti biex il-kawża tiġi mismugħa mill-ġdid ai termini tas-sub-inċiżi msemmija.

Ma jidhirx li hemm kontestazzjoni li l-attur ma ġiex notifikat bid-digriet in kwistjoni.

Għalhekk l-ewwel il-Qorti għalhekk trid tinvestiga jekk tirriskontrax qerq ai termini ta' l-Artiklu 811 (a) fuq imsemmi. Il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza tagħha ta' l-10 ta' Jannar, 2001 fil-kawża fl-ismijiet Edgar Vella vs Joseph R Grech qalet illi;

*Dan id-dover m'huwiex faċli għaliex il-ġurisprudenza fir-rigward hija pjuttost skarsa għal dak li jirrigwardja l-kunċett ta' 'qerq' li hija traduzzjoni fil-lingwa Maltija tal-kelma 'dolo' fit-test oriġinal bit-Taljan kemm fl-edizzjoni oriġinali ta' l-1854 kif ukoll fl-emendi sussegwenti li saru fl-1850 u fl-1886. Fit-test fil-lingwa Ingliża intużat il-kelma 'deceit' u għalhekk ukoll 'qerq' tfisser 'ingann'. Għalhekk per eżempju b'qerq il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza tat-13 ta' Lulju, 1942 fl-ismijiet Pisani utrimque kitbet* mhux kwalunkwe dolo jew kwalunkwe ingann ta' parti kontra l-oħra *u għalhekk dik l-interpretazzjoni li tat din il-Qorti .. fil-kawża Meilaq vs Camilleri noe tas-17 ta' Mejju, 1989 ... kienet 'good law'... Loġikament l-ingann isir għad-dannu tal-parti l-oħra iżda hija l-Qorti li tiġi ingannata.*

L-istess Qorti fil-kawża fl-ismijiet Carmel Borg vs Henry Thake (deċiża fl-14 ta' Novembru, 1997) qalet illi;

*Is-sub-inċiż (a) ta' l-Artiklu 811 ma jagħtix lok għal ritrattazzjoni fil-każ li jkun hemm frodi. Is-smigħ mill-ġdid jista' jiġi akkordat biss jekk is-sentenza tkun ittieħdet b'qerq. Il-qerq jew il-frodi allura ma jridux ikunu rriżultaw jew ma jkunux iridu jkunu relatati mal-meritu li pprovoka l-vertenza u li ġie trattat quddiem il-Qrati u minnhom deċiż imma jridu jkunu rriżultaw jew ikunu relatati mal-proċeduri deċiżi bis-sentenza appellata u bihom infiċċjata. Is-sub-inċiż jipprovdi għal smigħ mill-ġdid fil-każ fejn is-sentenza tkun ittieħdet b'qerq u mhux fejn il-pretensjoni ta' l-attur fit-talba tkun għal kreditu li oriġina minn aġir allegatament*

*delittwuż jew qarrieqi tal-konvenut. Il-qerq allura irid ikun qerq ġudizzjarju, jiġifieri inerenti mal-proċeduri.*

Żewġ sentenzi li daħlu fil-fond tal-problema kienu dawk ta' din il-Qorti diversament preseduta fil-kawża Edward Cassar vs Francis Sammut (12 ta' Frar, 2004) u tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawża Michael Cutajar vs Roberta Muscat (12 ta' Mejju, 2003).

L-ewwel waħda qalet hekk fost affarijet oħra;

*Għar-rigward it-talba ta' ritrattazzjoni bbażata fuq qerq, tajjeb illi jingħad li oriġinarjament il-liġi kienet tippermetti ritrattazzjoni 'se vi e' stato dolo' mingħajr il-ħtieġa ta' raġġiri da parti f'kawża. Kien hemm il-biżgħa allura illi dan il-paragrafu seta' jintuża f'każ ukoll ta' 'dolo reale, ossia in re ipsa, e derivante dala lesion che venisse a soffrire col giudicao il soccombente nel caso di una ingiustizia' u allura dak il-paragrafu ġie emendat biex jiġi ċarat li r-ritrattazzjoni tista' tintalab biss f'każ ta' dolo personale (Ara Theuma Castelletti vs Chetcuti deċiża minn din il-Qorti fit-3 ta' Jannar, 1873).*

*Dan ifisser li mhux kwalunkwe qerq jista' jwassal għar-ritrattazzjoni ta' kawża iżda hu meħtieġ illi dan ikun ipprattikat mill-parti l-oħra fil-kawża u s-sentenza ngħatat fuq ċirkostanzi li jirriżultaw minn dak il-qerq. L-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawża Borg vs Thake (supra) qalet li 'biex titħassar sentenza fuq allegazzjoni ta' qerq irid jirriżulta li dak li jkun ġie impedut milli jressaq difiża għall-allegazzjoni tal-parti l-oħra… Dan ifisser li l-qerq użat irid ikollu effett fuq id-deċiżjoni b'mod li s-sentenza kienet tingħata kif ingħatat li ma kienx għall-qerq użat.*

*Fil-kawża Bugeja nomine vs Kummissarju ta' l-Art deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fil-15 ta' Jannar, 2002 intqal li mhux kwalunkwe dolo jew ingann ta' parti kontra l-oħra jista' jagħti lok għar-rimedju straordinarju tar-ritrattazzjoni iżda meta minħabba raġġiri jew l-attijiet frawdolenti tal-parti avversarja dan ikun ġie imqiegħed fl-impossibilita' ta' difiża ġusta u tajba (ara ukoll VOl XXXI-1-231).*

*Wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li r-rimedju ta' ritrattazzjoni hu ta' indoli straordinarja, lumeġġjat dan il-karattru bl-istorja ta' dan l-istitut; bil-konsegwenza loġika li r-regoli li jiggovernawh huma ta' interpretazzjoni strettissima (Vol XXVII-i-818; Vol XXVIII-i-584 u XXII-1-385). Diversament, taħt il-pretest ta' ritrattazzjoni l-litigant sokkombent ikun jista' jerġa' jiftaħ il-kawża u b'hekk indirettament jinħoloq tribunal tat-tielet istanza.*

F'din il-kawża l-Qorti ma ssib ebda ombra ta' qerq da parti tal-konvenut. Jidher ċar li fil-kawża in kwistjoni l-attur sa dakinhar kien gia' għalaq il-provi u skond ix-xhieda tal-Perit David Pace kienu saru xi seduti fejn il-konvenut (attur odjern) ma attendiex. Għalhekk ladarba l-Qorti tat id-digriet li permezz tiegħu awtorizzat lill-perit biex jirrediġi r-rapport, dan ma kellux alternattiva appuntu ħlief li jagħmel dan. Il-Qorti ukoll ma tistax tifhem kif l-attur odjern ma għamel xejn mid-data tad-digriet li sar kmieni fis-sena 1997 sa meta nqatgħet il-kawża fi Frar 2001 biex jiġbed l-attenzjoni lill-Qorti dwar dan. Kif qalet il-Qorti ta' l-Appell fil-kawża fuq imsemmija (Cutajar vs Muscat**)** *il-qerq allura kellu jkun tali li jipprova lir-ritrattand mid-dritt li adegwatament jiddefendi ruħu fil-kawża. Kellu allura jkun tali li qabel xejn ma setax jiġi vverifikat u kkontrollat matul it-trattazzjoni tagħha. Dan għaliex tali verifika kellha ssir fiż-żmien proprju tal-proċess u cioe' meta jkunu qegħdin jinġabru l-provi (Cutajar vs Cachia - Appell 19 ta' Mejju, 2000). L'omissione o l'insufficienza di difesa non e' per alcuno una giusta causa di ritrattazione. (Portelli vs Micallef – Qorti tal-Kummerċ, 16 ta' Novembru, 1933).* Għal din il-Qorti huwa ċar li l-attur odjern ittraskura l-kawża in kwistjoni u stenbaħ biss meta l-kawża ġiet deċiża, meta allura kien tard wisq. Il-partijiet ma jistgħux ma jagħtux każ tal-kawża li jkollhom u jippretendu li l-parti l-oħra, il-perit tekniku u l-Qorti joqgħodu jistennewhom jitħarrku biex jiddefendu l-kawża meta jkunu komdi huma.

Fir-rigward tal-lanjanza taħt is-sub-inċiż (b) huwa ben ċar li l-azzjoni kif proposta ma tistax tirnexxi għaliex dan is-sub-inċiż jitkellem dwar **notifika taċ-ċitazzjoni**. L-attur qd jilmenta *invece* li ma ġiex notifikat bid-digriet li ma jirriżulta minn imkien li hemm xi obbligu li għandu jkun notifikat lill-

partijiet. Infatti kif gia' ingħad, l-Artiklu 811 (b) isemmi biss il-kelma ċitazzjoni u allura żgur li billi dan l-artiklu huwa ta' strettissima interpretazzjoni għaliex jiftaħ mill-ġdid kawżi li jkunu għaddew in ġudikat, il-Qorti żgur ma tistax testendi d-definizzjoni ta' ċitazzjoni li tfisser biss l-att promotur tal-kawża. (Ara dwar dan is-sentenza riċentissima tal-Qorti ta' l-Appell Joseph Vella et vs Nazzareno Farrugia et deċiża fis-7 ta' Diċembru, 2007).

Stabbilit dan il-Qorti strettament ma għandhiex għalfejn teżamina l-eċċezzjonijiet ulterjuri iżda anke hawn jidher li dawn huma fondati billi l-attur stess stqarr fl-aħħar seduta li sar jaf bis-sentenza fi Frar stess tas-sena 2001 u għalhekk għaddew ampjament it-tliet xhur imsemmija fl-Artiklu 818 tal-Kapitlu 12 bħala l-perjodu tassattiv li fih kawża bħal din tista' tiġi istitwita, billi l-kawża ġiet intavolata f'Novembru 2001.

**Għal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tiċħad it-talbiet attriċi.**

**L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-attur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------